**16 ta' Diċembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Grace Farrugia

*versus*

Joseph Farrugia

**Appell minn Digriet Interlokutorju – Malleverija – Nullità**

*L-art. 249(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż. Dan ifisser li jekk il-garanzija ma tingħatax fl-istess waqt li tkun ippreżentata l-petizzjoni, l-appell ikun null.*

*Dan jgħodd ukoll fil-każ ta' appell b'rikors minn digriet billi, skond l-art. 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi dwar appelli minn sentenzi jgħoddu għal appelli minn digrieti interlokutorji.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha l-attriċi, wara li ppremettiet li l-konvenut irrenda ruħu ħati versu l-attriċi ta' minaċċi, eċċessi, sevizji u inġurji gravi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talbet li dik il-Qorti

għar-raġunijiet premessi (1) tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan għal ħtijiet imputabbli unikament għall-konvenut (2) tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti tiġi ddikjarata xolta u l-istess tiġi llikwidata u diviża b'dan li l-attriċi tirċievi sehemha mill-istess komunjoni (3) tistabbilixxi definittivament ir-retta alimentarja li l-konvenut irid iħallas lill-attriċi għall-manteniment tagħha u li titħallas fil-jum, ħin u lok li dik il-Qorti tiddetermina (4) tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi d-dota, l-oġġetti u flus parafernali minnha miġjuba fl-okkażjoni taż-żwieġ u (5) tapplika l-artikolu 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut u li tiġi definittivament assenjata lill-attriċi d-dar matrimonjali, bl-ispejjeż inklużi dawk għall-proċeduri fis-Sekond'Awla;

Rat it-talba tal-konvenut biex jiġu ridotti l-alimenti provviżorji li fil-preżent huma ta' Lm22 fil-ġimgħa billi hu ma għadux jaħdem;

Rat li l-attriċi opponiet ruħha għal din it-talba billi l-konvenut, għalkemm ma baqax impjegat fejn kien, xorta waħda qed jaħdem regolarment;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April 1986, li biha immodifikat id-digriet preċedenti mogħti mill-Qorti Ċivili Sekond'Awla Numru 761/84 u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala alimenti provviżorji s-somma ta' Lm17 fil-ġimgħa b'effett minn dik in-nhar stess u pagabbli bil-ġimgħa bil-quddiem, – spejjeż riservati; wara li kkunsidrat – illi l-konvenut ma għadux impjegat ma' Joseph Cordina, illi fil-preżent il-konvenut qed jirċievi mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali s-somma ta' ċirka Lm13 fil-ġimgħa u l-attriċi qed taħdem bħala *maid* u taqla' xi Lm8

fil-ġimgħa;

Illi l-konvenut għandu sengħa li jpoġġi l-irħam u għalhekk għandu potenzjalità ta' qligħ anke għal rasu, li mhux bil-fors ikun magħruf x'jaqla' u kemm jaħdem;

Illi l-konvenut ma jaħdimx jekk ma jridx għaliex, kif intqal, potenzjalità hemm u l-Qorti ma tistax tinkoraġġixxi lill-konvenut ma jaħdimx jew ma jurix li jaħdem biex jevita l-obbligu tiegħu ta' manteniment lil martu;

Illi l-attriċi qed taqla' sa Lm8 fil-ġimgħa u għalhekk il-Qorti wara li qieset l-għajnuna li l-konvenut qed jirċievi u l-potenzjalità ta' qligħ li għandu l-konvenut (u ġie ppruvat li ġie li ħadem, kif indunat l-attriċi) u l-istat soċjali tal-partijiet, tħoss li l-konvenut għandu jħallas bħala alimenti provviżorji lill-attriċi s-somma ta' Lm17 fil-ġimgħa, b'effett millum;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Joseph Farrugia ppreżentat fil-15 ta' April 1986, li bih għar-raġunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti tirriforma d-digriet fuq imsemmi minnu appellat u takkorda alimenti provviżorji għall-attriċi appellata inqas minn Lm17 fil-ġimgħa;

Rat ir-risposta ta' l-attriċi appellata ppreżentata fil-25 ta' April 1986, kif ukoll in-nota ulterjuri tagħha ppreżentata fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 1987, li biha eċċepiet in-nullità tar-rikors ta' l-appell *stante* li ma ġiex akkumpanjat minn garanzija għall-ispejjeż kif rikjest mil-liġi;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 249(1) Kap. 12 (Ediz. Riveduta 1984) jiddisponi li ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. Dan ifisser li l-garanzija għandha takkompanja l-petizzjoni meta din tiġi ppreżentata. Jekk ma ssirx kontestwalment, il-liġi ma tkunx qed tiġi osservata u dan iwassal għan-nullità ta' l-appell. Dana japplika wkoll f'każ ta' appell b'rikors minn digriet billi skond l-artikolu 229(7), Kap. 12, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar appelli minn sentenzi jgħoddu għall-appelli mid-digrieti interlokutorji;

Issa fil-każ preżenti jirriżulta li għalkemm fir-rikors ta' l-appell jingħad li qiegħda tinġieb malleverija, fil-fatt din ma rriżultatx li nġiebet, tant li fil-preżentata ffirmata mid-Deputat Reġistratur *in calce* tar-rikors ta' l-appell jingħad li kienet qiegħda ssir "bla dok." mentri meta fil-fatt tinġieb il-malleverija jingħad li l-preżentata qiegħda ssir b'malleverija u jkun hemm annessa mal-petizzjoni jew rikors ta' l-appell il-formula relattiva għall-malleverija;

Jidher għalhekk li l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-attriċi appellata Grace Farrugia hija ġustifikata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-attriċi appellata Grace Farrugia tan-nullità tar-rikors ta' l-appell u tiddikjara l-appell irritu u null u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-konvenut appellant.